# Il-Ħakem Baldassar

Id-dinja jaħkem Alla, kif iddur
bl-iġbla u l-bħur;
is-sema u b'kolma fih, kwiekeb u xemx !...
Kollha f'idejh qegħdin is-setgħajiet, (1)
fl-art u s-smewwiet !
Is-setgħa n-Nifsu Dan, u bħalu mhemmx !

U ma jenħtieġx imħalel... (2) Kbir bla qies !
Huwa l-għasluġ għakkies...
Is-sabar Dan in-Nifsu s-Sewwa l-Ħaqq !
Meta jitfawwar iżda l-kejl maħżuż,
lil min għal għelt isus,
Magħdub ! fix-xejn iġibu tabilħaqq !

* * *

Il-ħakem ta' l-Assirja Baldassâr,
kien darba ħtar
U stieden fuq elf ruħ għall-mejda miegħu,
l-ogħla kbarat tal-belt, l-agħ'r nies bla ġieħ...
U kif tala' l-inbid
f'rasu, amar li jrid
minn fuq l-imwejjed kollha minnufih
jitwarrbu dlonk it-tazzi tax-xorb tiegħu,

u jgħammru l-mejda f'lokhom, b'kemm-il tazza
kien hemm, bil-kiesa mqaddsa !...
u jieħu f'idu mal-mistiedna mxierek,
dawna l-kesien u jsawbu minn idejhom
ġewwa fihom l-inbid !...
u x-xeħwiet (3) ġiefja (4) jżid,
għax tal-kisien ikasbru l-ġieħ imbierek,
bid-diwi ta' l-intiena ta' xofftejhom !

---

(1) Il-plural ta' *setgħa* hi *setgħat*, hawn qiegħda għar-rima
(2) Imħalel = Riġmenti
(3) Xeħwiet = Xewqat ħżiena
(4) Ġiefja = Ħorox

Kif iżda t-tajfa nġabret hemm mar-re
tgħajjat urrè... urrè !...
Ġlajka moqżieża mingħajr ġieħ; għassara (5) !
bil-lġiem għal kollox merħi fit-tbahrid...
mal-ħajt tidhrilhom id,
li mliet bil-biża' lilu u 'l ħaddara !

U qarst ix-xama' wiċċ ir-re jitbiddel...
tkexkex bil-biża'... u tħiddel...
dawwar għajnejh fejn dehret l-id, u hemmu
sammarhom! Tkexkex minn fuq s'isfel...triegħed ...
u ried kieku jitbiegħed...
infileġ iżda dlonk u kesaħ f'demmu !

U "l-id tal-għaġeb" kitbet tliet kelmiet,
li ħadd mill-mistednin,
l-aħjar nies magħżulin
mir-re ma seta' jfisser... u staħbiet... !
fis-sala waqa' skiet !
Imkexkxa n-nies... u lejn xulxin bdiet tħares
għall-ħżuż li dehru: "*Mane, Thecel, Fares*" !

U kellha mart ir-re b'Daniel, tnebbiħa
li dana kien bassâr !
Talbet lill-Baldassâr
jgħajtulu: ġie Daniel : U b'fehma sħiħa
bid-deheb riedu jżejnuh
u l-porpra; u jqegħduh
fuq mambar b'ġieħ, u jitolbuh ilħiħa

jagħti tifsir lir-re tat-tliet kelmiet !
Dlonk resaq il-qalbieni
b'wiċċ kollu sebħ u ħiem !
"Xi tgħid il-kitba," qallu, "nfisser jien"
*Mane* : fit-trufijiet
hi ħajtek— għoddha ntfiet !
u *Thecel* : ġejt fil-keffa tal-miżien,

---

(5) Għassara = Għadira kollha tajn, mela għassara moqżieża, għadira li tħammġek jew tniġġsek

misjub ħafif ! u b'*Fares* Alla jfisser :
—Saltnatek tkun imferrqa,
ma ddumx bħal-leħħ ta' berqa.—
Kien widdbek il-Mulej bosta snin qabel
b'Nabukkodonosor... iżd'int bqajt tkisser
f'għamilek u f'imqagħtek !...
Għalhekk issa Saltnatek
imħarbta sejra tkun, qatta-bla-ħabel !

Bħal berqa leħħ il-ħlas tar-re ! Wis-siegħa
waslet fuqu bil-ħeffa :
u tqiegħed ġewwa l-keffa
tal-miżien t'Alla ! Kemm pattieha qares !...
Wara t-tbahrid u d-daqq,
feġġ dlonk il-jum tal-ħaqq:
"Mal-lejl tilef is-saltna u miet f'taqtigħa !
u twettqu fih, il-*Mane-Thecel-Fares*... !

* * *

Ma jeqleq il-Mulej fuq l-imkabbrin
li ma jridux joqogħdu;
għaliex il-lġiem jobogħdu !
Ma tgħaddix dqiqa fuq l-imbassar ħin !
U kif tasal is-siegħa
kollha, minn fuq il-qiegħa
magħdub jidrishom min hu fost il-ħajjin !

Ja slaten mela ta' kull ġens isimgħu,
Intom li l-ħaqq f'idejkom,
itgħallmu u iftħu għajnejkom:
Lil Alla mregħdin tnehduh u fih itimaw
b'imħabba safja aqduh
fil-waqt li tibżgħu minnu qalbkom tuh !
faħħsu (6) f'kull ħal (7) bl-għarbiel irqiq għamilkom,
*Biex tferrqu l-jedd bil-ħaqq lil min isilkom !*

R. M. B.

---

(6) Faħħas = għarbel; minn faħs : eżami

(7) Ħal = Stat